MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2245/2003

**FMC Motors Limited**

**vs**

**Paul u Carmen konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (Lm84.04) rappresentanti in kwantu ghal Lm74.04, import ta' kambjala in konnessjoni max-xiri ta' vettura ta'l-ghamla Tata, liema kambjala saret dovuta fit-3 ta' Dicembru 1998 u in kwantu ghal Lm10 rappresentanti hlas ta' tariffi bankarji imhallsa mis-socjeta attrici peress illi l-imsemmija kambjala ma gietx onorata mal-bank

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 30 ta' April 2003 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data li l-istess

kambjala immaturat u saret dovuta mill-konvenuti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (Lm84.04) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita tal-kambjala mertu tal-kawza.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------